MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 1673/2001/1

**Anthony Baldacchino**

**vs**

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited in rappreżentanza tas-soċjetà assiguratriċi estera CGU Insurance p.l.c.**

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-attur **Anthony Baldacchino** fid-19 ta' Ottubru, 2001 fejn ippremetta u talab:

*Illi l-attur xtara u akkwista dgħajsa tal-marka Sunseeker bin-numru ta' reġistrazzjoni numru S-12403, u dan madwar tliet (3) snin ilu; u*

*Illi l-imsemmija dgħajsa kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni mas-socjetà konvenuta, u aktar preċiżament Yacht and Motorboat Policy, bin-numru 29672PCY2 għall-valur ta' għaxart elef lira Maltin (LM10,000), u l-perjodu ta' kopertura kien bejn l-10 ta' Lulju 2000 u d-9 ta' Lulju 2001 (Dok. A); u*

*Illi f'Novembru 2000 l-imsemmija dgħajsa kienet sorġuta f'postha l-Imsida u ċjoè fil-Marina Ta' Xbiex; u*

*Illi fid-9 ta' Novembru 2000 meta l-attur mar il-Marina, skopra illi l-imsemmija dgħajsa ma kinitx f'postha; u*

*Illi l-istess attur immedjatament għamel rapport dwar dan l-Għassa tal-Pulizija tal-Imsida, u anke għamel rapport ta' dan lill-Maritime Authority, li rappreżentant tagħhom ikkonferma illi d-dgħajsa kienet ilha nieqsa mis-7 ta' Novembru 2000; u*

*Illi l-attur għamel claim mas-soċjetà konvenuta, u dan ai termini tal-artikolu numru wieħed (1) tal-Yacht and Motorboat Policy, u ċjoè li l-istess dgħajsa kienet insterqet; u*

*Illi għalkemm il-claim saret fid-9 ta' Novembru 2000, is-socjetà konvenuta għadha ma onoratx il-claim tal-attur, u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-Liġi; u*

*Illi għalkemm interpellati sabiex jersqu għall-ħlas tal-valur tad-dgħajsa kif assigurata, s-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti;*

*Talbet għalhekk lis-soċjetà konvenuta tgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex: -*

*1. Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta għandha tkun tenuta responsabbli għall-ħlas tad-danni sofferti mill-attur u dan abbażi tal-obbligu tal-istess soċjetà konvenuta naxxenti mill-polza ta' assigurazzjoni numru 29672PCY2 f'isem l-attur.*

*2. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' għaxart elef lira Maltin (LM10,000), u ċjoè il-valur li għalih kienet assigurata d-dgħajsa inkwistjoni proprjetà tal-attur, jew somma verjuri li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra interpellatorja datata 10 ta' Mejju 2001, u bl-imgħaxijiet legali kontra s-soċjetà konvenuta li ġiet nġunta għas-subizzjoni.*

Rat in-Nota tal-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta **Gasan Mamo Insurance Agency Limited in rappreżentanza tas-soċjetà assiguratriċi estera CGU Insurance p.l.c.** ippreżentata fis-17 ta' Diċembru, 2001, fejn ippremettiet u eċċepiet is-segwenti:

*Illi l-attur għandu jġib provi konvinċenti dwar l-allegazzjonijiet minnu magħmula u li dawn jikkwalifikaw għall-claim valida fil-polza ta' assikurazzjoni inkwistjoni u dan billi meta l-eċċipjenti investigaw l-allegazzjonijiet tal-attur ma kinux sodisfatti li dawn kienu ġenwini u magħmulin bl-uberrima fide.*

*Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi eċċepit illi f'dan il-każ partikolari hemm ċirkostanzi li ma ġewx imsemmija mir-rikorrenti li jimmilitaw kontra t-teżi tal-attur u għalhekk ukoll dina għandha tiġi miċħuda.*

*Illi fit-tielet lok, din il-kawża tiddependi ħafna fuq il-kredibbiltà u għalhekk jissottometti illi dan mhuwiex il-każ fejn isiru provi bl-affidavit iżda l-provi jinstemgħu viva voce mill-ġudikant.*

Rat is-surroga tat-18 ta' Settembru, 2014 fejn din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif inhi llum ippresjeduta.

Rat l-atti proċesswali.

Ħadet konjizzjoni tal-provi kollha miġbura.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar, 2015 fejn din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attur xtara dgħajsa tal-marka Sunseeker bin-numru ta' reġistrazzjoni S-12403 mingħand Joseph Conti. Għal din id-dgħajsa l-attur kien partat ma' Joseph Conti is-somma ta' elfejn u ħames mitt lira Maltin (LM2,500), vann tal-marka Tata kif ukoll karozza Peugeot 306.

Illi l-imsemmija dgħajsa kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni mas-soċjetà konvenuta, speċifikament *Yacht and Motorboat Policy*, bin-numru 29672PCY2 għall-valur ta' għaxart elef lira Maltin (LM10,000).

Jirriżulta mill-provi li din id-dgħajsa fil-fatt dejjem kienet assigurata mas-soċjetà konvenuta. Skont il-polza tal-assigurazzjoni, din id-dgħajsa kellha tinżamm fil-baħar minn Ġunju sa Diċembru u fix-xhur l-oħra kellha tinżamm fuq l-art.

Illi skont ix-xhieda tal-attur[1], fl-4 jew il-5 ta' Novembru, 2000 l-imsemmija dgħajsa kienet sorġuta mal-pontoon 42 fil-Marina Ta' Xbiex.

Illi fid-9 ta' Novembru, 2000 meta mar il-Marina, l-attur xehed illi skopra illi l-imsemmija dgħajsa ma kinitx f'postha mal-pontoon.

L-attur kompla jixhed illi meta ra li d-dgħajsa ma kinitx f'postha, immedjatament wara mar jagħmel rapport l-uffiċċju tal-Malta Maritime Authority, però dan kien magħluq. Għalhekk huwa mar l-għassa tal-Pulizija l-Imsida u għamel ir-rapport tiegħu hemm dwar il-fatt illi d-dgħajsa tiegħu ma kinitx f'postha. Skont ir-rapport li sar mill-attur lill-Pulizija, l-aħħar darba li l-attur kien ra d-dgħajsa tiegħu kien fl-4 ta' Novembru 2000.

Wara r-rapport, l-attur xehed illi pprova jfittex id-dgħajsa fil-baħar, però huwa ma lemaħhiex. Sussegwentament, huwa informa lit-tifel tiegħu li d-dgħajsa kienet nieqsa u wara ftit reġa' mar il-Malta Maritime Authority, l-Imsida biex jerġa' jipprova jagħmel ir-rapport. Din id-darba dan l-uffiċċju kien miftuħ u l-attur għamel ir-rapport tiegħu. Tal-Maritime Authority infurmaw lill-attur illi d-dgħajsa kienet ilha mhiex marbuta f'postha sa mit-Tlieta ta' qabel. Wara dan, l-attur baqa' sejjer l-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta sabiex jagħmel l-*insurance claim* tiegħu.

Skont ir-rassenja li kien iżomm il-*Berthing Master* tal-Malta Maritime Authority ġie osservat illi id-dgħajsa inkwistjoni ma kinitx qiegħda fil-post tagħha. Barra minn hekk, ir-rappreżentant tal-Maritime Authority

[1] A fol. 35 tal-proċess.

ikkonferma illi d-dgħajsa kienet ilha nieqsa  minn mal-pontoon tagħha mis-7 ta’ Novembru 2000. Illi rriżulta wkoll illi din id-dgħajsa ma kinitx qiegħda tinżamm f’xi post ieħor.

Illi kif diġà ntqal, dwar dan il-fatt li d-dgħajsa inkwistjoni ma kinitx instabet mal-pontoon tagħha, l-attur għamel *claim* mas-socjetà konvenuta, u dan ai termini tal-artikolu numru wieħed (1) tal-*Yacht and Motorboat Policy*, u cjoè li l-imsemmija dgħajsa kienet insterqet.

Mis-soċjetà konvenuta kienu infurmaw lill-attur illi huma kienu ser jistennew ir-rapport tal-Pulizija qabel ma jħallsuh. Ġara iżda illi jumejn wara, l-attur spiċċa ġie arrestat u interrogat mill-Pulizija dwar fejn kienet tinsab id-dgħajsa tiegħu.

Jirriżulta wkoll mill-provi li ftit taż-żmien wara li l-attur kien xtara d-dgħajsa, meta kienu ħarġu biha biex Louis Conti, bin min biegħilhom id-dgħajsa (Joe Conti), jurihom kif isuquha, kienu żviluppaw xi ħsarat fid-dgħajsa u din waqfet u kellha tiġi irmunkata mill-Malta Maritime Authority. Barra minn hekk, xi sena wara li l-attur kien xtara d-dgħajsa, din żviluppat xi ħsara fis-*safe starter,* però din il-ħsara kienet issewwiet minn Louis Conti.

Mill-provi jirriżulta wkoll illi xi ġimgħa qabel mal-attur kien ra d-dgħajsa tiegħu għall-aħħar darba, kien sar xi xogħol ta’ manutenzjoni fuq id-dgħajsa. L-attur niżżel id-dgħajsa fil-baħar f’Ġunju 2000, u tellgħha f’Ottubru u imbagħad reġa’ niżżilha f’Novembru. Jirriżulta wkoll illi l-attur kellu sett wieħed biss ta’ ċwievet ta’ din id-dgħajsa.

Illi għalkemm il-*claim* saret mill-attur fid-9 ta' Novembru 2000, is-socjetà konvenuta baqgħet ma onoratx il-*claim* tal-attur.

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta tgħid illi hija mhux konvinta dwar l-allegazzjonijiet tal-attur stante li hija ssostni li dawn mhumiex ġenwini u mhux magħmulin bl-*uberrima fide.*

Leslie Causon, il-General Manager tas-soċjetà konvenuta xehed[2] illi fis-6 ta' Novembru, 2000 kien ċempillu Rein Caruana li dak iż-żmien kien Executive Manager ta' Global Insurance u infurmah illi permezz ta' telefonata anonima huwa (Caruana) kien ġie infurmat illi f'qasir żmien id-dgħajsa tal-attur kienet se tiġi misruqa jew tiġi distrutta permezz tan-nar. Skont Leslie Causon, Rein Caruana kien qallu wkoll illi min kien ċempel b'mod anonimu kien qal li kien ġie mqabbad minn Anthony Baldacchino l-attur biex jisraq jew jaħraq id-dgħajsa inkwistjoni.

Min-naħa tiegħu Rein Caruana[3] fix-xhieda tiegħu jgħid:

> *"Id-difensuri tal-konvenuti qed jissuġġerili li jiena kont ċempilt lil Leslie Causon ta' GasanMamo qabel ma seħħet l-allegata serqa. Jien ngħid li ma jidhirlix li qatt hekk ċempilt lil Leslie Causon. Ngħid ukoll illi safejn nista' ngħid jien ma jidhirlix li qatt ċempilt lil Leslie Causon u għidtlu li kienet daħlet informazzjoni għandna li l-boat inkwistjoni kienet se tinsteraq fi żmien tlett ijiem".*

2 A fol. 86 u 87.
3 A fol. 84.

Ix-xhieda ta' Leslie Causon, li hija *detto del detto,* ġiet kontradetta b'mod ċar mix-xhieda ta' Rein Caruana. Għalhekk din il-Qorti tqis illi dak li ġie allegat mix-xhud Leslie Causon li l-aġenti tas-soċjetà konvenuta Global Insurance kellhom informazzjoni minn qabel permezz ta' telefonata anonima li kienet se seħħ l-allegata serqa, ma jistax jitqies li ġie ppruvat fil-grad ta' prova rikjest mil-liġi.

It-teżi tas-soċjetà konvenuta li dan kien każ ta' "insurance fraud" tistrieħ unikament fuq ix-xhieda ta' Paul Baldacchino, ħu l-attur

Jirriżulta mill-provi illi Pawlu Baldacchino kien iċempel lis-soċjetà konvenuta u qalilhom illi d-dgħajsa kienet fil-fatt għadha għand l-attur u ma ġietx misruqa. Għall-bidu dawn it-telefonati kienu jsiru b'mod anonimu, iżda wara Pawlu Baldacchino kien kixef l-identità tiegħu.

Is-soċjetà konvenuta kienet għamlet rapport lill-Pulizija fejn allegat li dan kien każ ta' '*insurance fraud'.* Il-Pulizija għamlet l-investigazzjonijiet tagħha, fosthom spezzjoni f'garaxx ġewwa Ħal Qormi. Però mill-provi jirriżulta li minkejja li l-Pulizija investigaw il-każ, ma rriżultalhomx li kien hemm każ ta' frodi. Fil-fatt Leslie Causon, li huwa l-General Manager tas-soċjetà konvenuta, xehed illi l-Assistent Kummissarju Michael Cassar infurmah illi huma ma kienux ser jieħdu passi kriminali kontra l-attur[4]:

> *"Fil-fatt fit-23 ta' Frar, 2001 jiena rċevejt ittra mingħand l-Assistent Kummissarju Michael Cassar li kien infurmani li mill-investigazzjonijiet tagħhom, ċjoè tal-Pulizija ma kien irriżulta xejn,*

4 A fol. 88.

> *u għalhekk ma kinux ser jittieħdu passi kontra (Anthony) Baldacchino".*

Permezz tal-kawża preżenti, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li s-socjetà konvenuta għandha tinżamm responsabbli għall-ħlas tad-danni sofferti mill-attur u dan abbażi tal-obbligu tal-istess socjetà konvenuta naxxenti mill-polza ta' assigurazzjoni numru 29672PCY2 maħruġa f'isem l-attur.

Jirriżulta li l-attur niżżel id-dgħajsa tiegħu fil-baħar fit-3 ta' Novembru, 2000. L-attur xehed illi l-aħħar darba li ra d-dgħajsa kien fl-4 ta' Novembru, 2000 u fid-9 ta' Novembru, 2000, id-dgħajsa ma kinitx aktar f'postha mal-pontoon 42, fil-Marina, Ta' Xbiex, l-Imsida.

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta tgħid illi hija mhijiex konvinta dwar l-allegazzjonijiet tal-attur illi d-dgħajsa nsterqet.

Illi fl-ewwel lok għandu jingħad illi kif ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, f'sentenza tat-18 ta' Mejju, 2012 (Ċitazzjoni Numru: 128/1999/1) fl-ismijiet **Middle Sea Insurance P.L.C vs Anthony Borg:**

> *"Dwar il-kuntratt tal-assigurazzjoni, tajjeb li jiġi osservat fil-liġi dwar il-kuntratti tal-assigurazzjoni hemm provdut għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-assiguratur jista' legalment jirrifjuta li jħallas pretensjoni tal-assigurat. … Strettament dawn huma biss sitwazzjonijiet fejn l-assigurat ikun wettaq xi frodi jew ma żvelax xi fatti materjali, jew għamel rappreżentazzjoni ħażina ta' xi fatti materjali, jew xi ksur ieħor tad-dmir tal-uberrima fides."*

Fil-kawża preżenti, is-soċjetà konvenuta qiegħda tirrifjuta li tħallas il-pretensjoni tal-attur għax tgħid illi l-attur, bħala l-assikurat kiser id-dmir tal-*uberrima fides.*

Imma kif ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2007 fl-ismijiet **Andrè Scerri pro et noe vs. Lloyd's (Malta) Limited noe**:

> *"Illi fil-fatt jirriżulta għalhekk li l-obbligu ta' bona fede japplika għaż-żewg partijiet u din is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell*[5] *ikkonfermat li s-soċjetà assikurattrici hija wkoll marbuta b'dan il-prinċipju ta' uberrima fides u b'hekk l-imġiba tas-socjetà assikurattriċi ma għandhiex tkun li twaqqa' dan il-prinċipju minn wieħed ta' bona fides għal wieħed purament mekkaniku li l-assiguratur jinqeda bih biex jeħles mill-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-polza…"*[6].

Il-polza ta' assikurazzjoni li l-attur kellu mas-soċjetà konvenuta ħolqot relazzjoni ġuridika bejn l-attur u s-soċjetà tal-assigurazzjoni fejn, inkonsiderazzjoni tal-*premium* imħallas mill-assigurat lis-socjetà tal-assigurazzjoni, din tal-aħħar intrabtet li tindennizza lill-assigurat fl-eventwalità li dan isofri xi telf bħala riżultat ta' xi riskju kopert bil-polza ta' assigurazzjoni. Is-soċjetà tal-assigurazzjoni assumiet hija dan ir-riskju. Bil-

---

[5] **Marco Tanti vs O.F. Gollcher & Sons Limited noe** (6 ta' April 2006 - App Ċiv Nru: 907/1996)

[6] **Gordon Borda vs. Elmo Insurance Agency Limited nomine** (P.A. (GCD) – 25 ta' Mejju 2004); **Bertu Camilleri et vs Harold Bartoli et nomine** (P.A. (TM) - 9 ta' Ottubru 2003); **Mario Mizzi nomine et vs. Mario Grech et nomine** (P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003); **Joseph Rizzo vs John Formosa nomine et** (P.A. (TM) – 3 ta' Ottubru 2002).

ħlas tal-premium mill-assigurat, skattat l-obbligazzjoni ta' indennizz mis-soċjetà tal-assigurazzjoni.

Is-soċjetà konvenuta qiegħda tirrifjuta li tħallas il-pretensjoni tal-attur għax tallega illi l-attur, bħala l-assigurat kiser id-dmir tal-*uberrima fides*, peress li skont hi, dan huwa każ ta' *insurance fraud.*

Kif jgħid l-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili min jallega jrid jipprova, *onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat,* kif ġie ripetut ħafna drabi f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna[7], ladarba hija s-soċjetà konvenuta li qiegħda tallega li l-attur wettaq frodi biex ikun jista' jitħallas il-flus tal-assigurazzjoni, hija s-soċjetà konvenuta li trid tagħti prova konvinċenti ta' din l-allegata frodi.

Din il-Qorti tosserva li meta saru l-investigazzjonijiet tal-Pulizija dwar jekk kienx hemm *insurance fraud,* dawn l-investigazzjonijiet irriżultaw fin-negattiv. Fis-seduta t-29 ta' April 2003[8], l-Ispettur Sandra Mamo ġiet mistoqsija:

> *Mistoqsija:* *Jigifieri inti għalkemm kellek ir-rapport mingħand l-insurance għaliex kienu qed jissuspettaw li dan seta' kien insurance fraud, dan ma rriżultalekx bħala insurance fraud?*
>
> *Xhud:* *Le ma rriżultalix.*

---

[7] **Dr H Lenicker vs. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina vs. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995.

[8] A fol. 61.

Illi s-soċjetà konvenuta kellha l-fakultà li a spejjeż tagħha tagħmel l-investigazzjonijiet neċessarji *ex parte* permezz ta' investigatur privat biex tasal għal deċiżjoni qabel taċċetta jew tirriġetta it-talba tal-attur għal kumpens assikurattiv. Mix-xhieda ta' Leslie Causon, General Manager tas-soċjetà konvenuta, jirriżulta illi għalkemm s-soċjetà assiguratriċi kienet fil-fatt qabdet investigatur privat, ċertu Charles Pisani, meta dan iddeċieda li ma jkomplix bl-inkarigu għax qal li ma riedx li jkollu x'jaqsam man-nies li kienu involuti, is-soċjetà assiguratriċikonvenuta ma kinitx qabdet lil xi investigatur privat ieħor minfloku[9].

Jirriżulta mill-provi li l-unika raġuni li wasslet lis-soċjetà konvenuta sabiex tirrifjuta li tħallas lill-attur il-flus tal-assigurazzjoni, kienu it-telefonati ta' Pawlu Baldacchino, li bdew bħala telefonati anonimi u li komplew bħala telefonati mhux anonimi.

Però din il-Qorti għandha r-riżervi tagħha dwar il-kredibbilità u l-ġenwinità tax-xhud Pawlu Baldacchino u tqis ix-xhieda tiegħu bħala waħda dubbjuża. Pawlu Baldacchino xehed[10] illi huwa u ħuh kienu ilhom ma jitkellmu għal madwar għaxar snin. Jirriżulta wkoll illi Pawlu Baldachhino ried ipattiha lil ħuh peress illi dan tal-aħħar allegatament kien irrapporta lit-tifel ta' Pawlu Baldacchino minħabba xi allegat serq.

Peress illi Pawlu Baldacchino u ħuh l-attur ma kinux jitkellmu u kienu ilhom imlewwma għal ħafna snin, Pawlu Baldacchino jgħid illi huwa kien

9 A fol. 89.
10 A fol. 112.

qiegħed iġib l-informazzjoni dwar ħuh mingħand Louis Conti. Pawlu Baldacchino xehed illi Louis Conti kien qallu fost l-oħrajn illi t-tifel ta' ħuh kien tella' d-dgħajsa mill-baħar illi imbagħad sparixxiet. Però, da parti tiegħu, Louis Conti jinnega illi huwa kien qiegħed jgħaddi xi informazzjoni lil Pawlu Baldacchino dwar l-attur[11].

Din il-Qorti tinsab rinfaċċjata minn banda waħda bir-riżultati tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija, illi ikkonkludew illi ma kienx hemm *insurance fraud* min-naħa tal-attur, u mill-banda l-oħra x-xhieda ta' ħu l-attur ċjoè Pawlu Baldacchino illi xehed illi dan kien każ ta' *insurance fraud.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **John Zarb noe vs Vittoriosa Gaming Limited** (P.A. JZM – 10.04.2014) ġie ritenut illi "il-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġjonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawżibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**), f'dan il-każ il-verżjoni tal-attur li fil-konfront tiegħu saret l-allegazzjoni ta' frodi min-naħa tas-soċjetà konvenuta.

Kif intqal aktar qabel, Pawlu Baldacchino ma kien xejn kredibbli bħala xhud u jidher ċar illi x-xhieda tiegħu kienet animata minn rabja u sentimenti ta' tpattija fil-konfront ta' ħuh.

11 A fol. 119.

Illi ma jirriżultax mill-provi u ma tantx jitwemmen illi Paul Baldacchino u Louis Conti kienu ħbieb sal-punt illi Conti kien imur joqgħod jikkonfida miegħu ċertu affarijiet dwar ħu Baldacchino. Barra minn hekk Louis Conti jinnega b'mod kategoriku l-allegazzjonijiet ta' Pawlu Baldacchino u jgħid bl-aktar mod ċar illi r-raġuni vera u proprja wara l-allegazzjonijiet ta' Pawlu Baldacchino kienet "it-tikketta li kien hemm bejn l-aħwa, ċjoè bejnu u bejn ħuh"[12].

Pawlu Baldacchino lanqas kien konsistenti fix-xhieda tiegħu. Pereżempju oriġinarjament huwa kien ta informazzjoni lis-soċjetà konvenuta dwar fejn setgħet kienet qiegħda tinżamm id-dgħajsa meta qal li din kienet qiegħda tinżamm ġewwa garaxx f'Ħal Qormi, imbagħad kien ċaħad li kien għamel dan.

Din il-Qorti tqis illi s-soċjetà konvenuta ma kellhiex raġun tirrifjuta l-*insurance claim* tal-attur Anthony Baldacchino abbażi biss tat-telefonati ta' Pawlu Baldacchino, aktar u aktar meta l-investigazzjonijiet tal-Pulizija kkonkludew li dan ma kienx każ ta' *insurance fraud.*

Fil-fatt John Galdes, Senior Manager mal-Claims Department mas-soċjetà konvenuta, xehed[13]:

> *Il-veraċità ta' dak li kien qiegħed jgħid Pawlu Baldacchino qatt ma ġiet ivverifikata, però is-soċjetà konvenuta ikkonkludiet illi hija kellha biżżejjed informazzjoni sabiex il-claim ma jaċċettawhiex.*

12 A fol. 119.
13 A fol. 102.

Din il-Qorti tikkonkludi illi is-soċjetà konvenuta għandha tinżamm responsabbli għall-ħlas tad-danni sofferti mill-attur u dan abbażi tal-obbligu tal-istess socjetà konvenuta naxxenti mill-polza ta' assigurazzjoni numru 29672PCY2 f'isem l-attur.

**<u>Decide</u>**

**Għalhekk għar-raġunijiet kollha msemmija, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi li tilqa' t-talbiet tal-attur, tiċħad l-eċċezzjoniet tas-soċjetà konvenuta u tikkundanna lis-socjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' għaxart elef lira Maltin (LM10,000), ekwivalenti għal tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u 80 ċenteżmu (€23,293.80) u ċjoè l-valur li għalih kienet assigurata d-dgħajsa inkwistjoni proprjetà tal-attur.**

**Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.**

**MOQRIJA**

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Fredrick Stagno Navarra**

**Deputat Reġistratur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------